**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tas-12 ta' Jannar,2001.**

**Citazzjoni numru 2567/00GC**

**La Patisserie Caterers Limited**

**Vs.**

**Miveda Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' elfejn sebgha u tletin liri Maltin (LM2037) rapprezentanti ta' bilanc ta prezz ta' merci mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta fuq ordni u inkarigu specifiku ta' l-istess socjeta konvenuta (hawn aktar l-isfel imsejjah bhala "l-ammont dovut");

Illi dan l-ammont ghadu dovut u dan jidher wkoll mill-istatement of account tas-socjeta atrici hawn anness u markat dokument ittra “A”;

Illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut flimkien ma l-interessi (skond dok B,C u D) s-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti minkejja d-diversi weghdiet ta’ pagament maghmulin minnha;

Illi l-kreditu tas-socjeta attrici fis-somma ta’ elfejn sebgha u tletin liri Maltin (LM2037) huwa cert, likwidu u esigibbli, u safejn taf is-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta ma ghandha ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta’ dik is-somma, u dan kif jidher mill-affidavait tas-Sur Anthony Vella;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandiex:-

1. Tilqa it-talba tas-socjeta attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u

2. Tikkundanna minnufih lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' elfejn sebgha u tletin liri Maltin (Lm2037) hawn fuq imsemmija u dovuta kif intqal aktar il-fuq.

Bl-imghax mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-pagament effettiv, bl-ispejjes, inkluzi wkoll dawk tal-ittri bonarji mibghuta (Dok B,C u D), kif wkoll dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dan l-att ta' citazzjoni, kollox kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur